# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum l-Erbgha 6 ta' Dicembru, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs.**

**Marco Desira**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Marco Desira ta' 31 sena, iben Victor u Mary nee' Galea mwieled fil-21 ta' April 1975 u li joqghod fil-fond 'Marvic', Triq Sant'Antnin, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' 236975M

Akkuzat talli:

Fis-26 t'Ottubru, 2006, ghall-habta ta' 6.30 pm, f'Hompesch Rd, Fgura, saq vettura numru EAE-906 (1) b'manjiera traskurata (2) perikolusa (3) bla kont (4) u ghamel U-turn f'post ipprojbit cioe' fi triq magguri (5) kif ukoll b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Demicoli skond kif iccertifika Dr Stephan Grech M.D. ta' S.L.H.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dawn din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda, u rat id-dokumenti u l-atti l-ohra ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Din il-kawza tikkoncerna kollizjoni bejn zewg vetturi fi Triq Hompesch, Fgura. Din it-triq ghandha zewg karreggjati, wahda li tiehu minn Haz-Zabbar ghal Rahal Gdid, u l-ohra vice versa. Fin-nofs tat-triq hemm mizbugha faxxex bojod dijagonali (*hatching)*, b'burdura ta' linja bajda mhux kontinwa (*dashed)* fuq kull naha.
2. L-imputat kellu l-vettura tieghu Renault Clio numru ta' registrazzjoni EAE 906 ipparkjata fi Triq Hompesch Fgura mal-genb tal-istess triq fil-karreggata li tiehu ghal Rahal Gdid. Hu ried imur fid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar, u minflok baqa' niezel fid-direzzjoni ta' din il-karreggata u dar mal-ewwel roundabout li hemm fit-triq biex jaqbad il-karreggata li tiehu fid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar, iddecieda li jaghmel U-Turn fl-istess triq biex ikun jista' jmur lejn Haz-Zabbar.
3. Fil-waqt li l-imputat kien qed jaghmel din il-manuvra ta' U-Turn, mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAN 618 misjuq minn Joseph Demicoli kien qieghed jigi misjuq fl-istess triq sejjer lejn id-direzzjoni ta' Rahal Gdid.
4. Il-mutur habat mal-mudguard u r-rota fuq in-naha tal-lemin tal-vettura tal-imputat, u baqa' diehel taht ir-rota tal-lemin tal-istess vettura. Mill-video ezebit jirrizulta li l-vettura tal-imputat spiccat f'direzzjoni orizzontali bil-parti ta' quddiem inkluz ir-roti

fuq in-naha tal-karreggata li taghti ghad-direzzjoni ta' Haz-Zabbar, il-parti ta' bejn ir-roti fuq is-sinjali tat-traffiku, u l-ahhar parti kienu ghadhom fil-karreggata l-ohra. Il-mutur kien kollu kemm hu fil-karreggata li taghti ghad-direzzjoni ta' Haz-Zabbar.

5. Konsegwenza ta' dan l-incident, is-sewwieq tal-mutur sofra griehi gravi f'siequ x-xellugija minhabba li kellu ksur.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

L-ewwel problema li din il-Qorti trid tiddetermina hija dwar is-sinifikat tas-sinjaletika pjuttost rari ghal Malta, li hemm f'nofs it-triq fejn gara l-incident in kwistjoni. Kif diga inghad dawn is-sinjali jikkonsistu faxxex bojod dijagonali (*hatching)*, b'burdura ta' linja bajda mhux kontinwa (*dashed)* fuq kull naha.

Il-Perit Audrey Testaferrata de Noto, rapprezentanta ta' Transport Malta, xehdet li la fil-ligi Maltija u lanqas fil-Highway Code ta' Malta ma tezisti din is-sinjaletika. Pero, hija esebiet estratt minn ktieb ippubblikat mid-Dipartiment tat-Trasport tal-Ingilterra fl-1985, fejn hemm stampa identika ghas-sinjali mizbugha fi Triq Hompesch. Dan il-ktieb jghid hekk *"Diagonal white lines (hatched markings) may be used to separate traffic lanes, to protect traffic turning right, or along the nearside or offside edge of carriageway. Where an area is bordered by a continuous line you must not enter the hatched area. <u>Where the line is broken, you should not enter the area unless it is safe to do so.</u>"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-Perit Ronald Muscat Azzopardi li kien inkarigat mill-kostruzzjoni ta' Triq Hompesch xehed li dawk is-sinjali kienu mahruga mat-tender document, u huma intizi biex minflok issir traffic island, jaqsmu it-triq f'zewg karreggati sejrin f'direzzjoni opposta. Ghalkemm mill-estratti tat-tender documents esebiti mill-Perit Muscat Azzopardi, il-linji bojod huma kontinwi, il-Perit ma kienx jaf jghid ghaliex dawn il-linji ma gewx effettivament mizbugha kontinwi imma maqsuma, billi hu ma kellux x'jaqsam mal-marking taz-zebgha u lanqas kien jaf jghid min kellu x'jaqsam mal-markings taz-zebgha.

Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li dawn is-sinjali kienu intizi biex iservu bhala traffic island immaginarja sabiex jaqsmu t-triq f'zewg karreggati. Ladarba l-ligi Maltija ma tikkontemplax tali sinjali, din il-Qorti hija tal-opinjoni li ghandha taddotta l-interpretazzjoni moghtija mil-

ligi Ingliza, stante li fejn jidhlu toroq u ligi tat-traffiku, l-ligi Maltija hija ispirata hafna mil-ligi Ingliza. Il-Qorti taqbel li ghandha ssir distinzjoni bejn meta l-faxxex bojod dijagonali ikollhom burdura ta' linji bojod kontinwi, u meta l-burdura tkun ta' linji bojod maqsuma bhal fil-kaz odjern – anke jekk mid-dokumenti ezebiti mill-Perit Muscat Azzopardi jidher li dan kien zball ta' min effettivament ghamel dawn is-sinjali, li kellhom ikunu linji bojod kontinwi. Pero anke jekk dan kien zball, dan l-izball ma jistghax ibatuh is-sewwieqa tal-vetturi, bhal imputat odjern, stante li dawn iridu isegwu s-sinjali li jkollhom fit-triq, huma kif inhuma, u dan a bazi tal-principju kardinali *nemo poena sine lege*.

Kif diga intqal izjed il-fuq, skond il-ligi Ingliza, meta l-faxxex dijagonali ikollom burdura ta' linji bojod maqsuma, is-sewwieq *"should not enter the area unless it is safe to do so."* Ghalhekk is-sewwieq m'huwiex projbit b'mod assolut milli jidhol fuq dawk is-sinjali, imma jekk jaghmel hekk, huwa ghandu l-oneru li jipprova li hu seta' jaghmel hekk ghax fic-cirkostanzi prevalenti dak il-hin kien *"safe"* li huwa jaghmel dan.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi li l-imputat seta' legalment in principju jghaddi minn fuq dawn is-sinjali sabiex jaghmel u-turn u jaqsam ghal fuq il-karreggata l-ohra, purche jissodisfa lil din il-Qorti fuq bazi ta' probabbilita li ma kienx se johloq perikolu b'tali manuvra.

Il-Qorti sejra issa tikkonsidra d-dinamika tal-incident. Hemm konflitt enormi bejn il-verzjoni ta' Joseph Demicoli, is-sewwieq tal-mutur u l-*parte civile* u dik tal-imputat. Dawn huma l-unici zewg xhieda okulari dwar id-dinamika tal-incident.

Demicoli xehed li hu kien qed isuq il-mutur fil-karreggjata li taghti minn Haz-Zabbar ghal Fgura, u kien qed isuqu f'nofs il-karreggjata. Skond Demicoli, l-imputat kien ipparkjat fil-genb, u qabad u hareg f'daqqa u ghamel u-turn u baqa' diehel fil-mutur tieghu. Bl-impatt Demicoli jghid li hu tar minn fuq il-mutur, l-mutur inqabad taht ir-rota tal-karozza, l-imputat baqa' jkaxkar il-mutur ghal ftit inqas minn ghaxar (10) metri sakemm waqaf. Il-hsara fuq il-mutur kienet quddiem u l-hsara fuq il-vettura tal-imputat kienet fuq il-mudguard ta' quddiem. L-incident gara vicin il-pelican lights li hemm ftit iktar il-quddiem, pero skond Demicoli l-pelican lights kienu hodor, u t-traffiku fiz-zewg karreggjati ma kienx qawwi. In kontro-ezami Demicoli jammetti li hu ma rax lill-imputat jaghmel il-u-turn ghax ma kienx quddiemu, u hu

ra biss il-vettura tal-imputat meta kien hemm l-impatt. Demicoli ikkonferma wkoll li kien hemm ringiela ta' vetturi ipparkjati mal-bankina.

L-imputat ghazel li jixhed u qal li hu kien ipparkjat mal-genb tat-triq u f'distanza ta' xi sitt karozzi iktar il-fuq minnu kien hemm it-traffic lights. X'hin gie biex isuq, it-traffic lights xeghlu homor, u t-traffiku waqaf. Karozza li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar lejn Rahal Gdid ratu jrid johrog, u cedietlu. Billi t-traffiku kien wieqaf minhabba li t-traffic lights kienu homor – anke dak li kien gej mill-karreggata opposta u cioe mid-direzzjoni ta' Rahal Gdid lejn Haz-Zabbar, l-imputat iddecieda li jibqa' jdur u jaghmel u-turn u jmur fuq il-karreggata opposta, peress li hu ried isuq fid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar. L-imputat jghid li meta kien qieghed jaghmel il-manuvra tal-U-turn biex johrog fuq il-karreggata l-ohra, gie mutur mid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar isuq lejn il-Fgura – cioe *wrong side* – u habat mal-genb tal-mudguard tal-karozza tieghu. L-imputat jghid li hu sema' brake u ra l-mutur ghal *split second* gej dritt fuqu. Bl-impatt is-sewwieq tar minn fuq il-mutur u waqa' tul ta' circa erba' karozzi l-boghod. Il-mutur dahal taht il-karozza tal-imputat u faqalgha t-tyre u l-karozza wehlet mieghu. L-imputat jghid li l-karozza tieghu waqfet u li hu kellu saqajh fuq il-clutch u l-gas f'daqqa. Pero in kontro-ezami l-imputat jghid li meta ra l-mutur gej tfixkel u flok ghafas il-brake ghafas il-gas. L-imputat jghid li meta hareg mill-vettura tieghu ra brakemarks dojoq taht il-mutur fuq il-karreggata li mill-Fgura tmur lejn Haz-Zabbar. Dawn il-brakemarks kellhom tul ta'circa nofs jew tlett kwarti ta' karozza. L-imputat esebixxa CD b'xi ritratti u video li ha dak il-hin.

Wara li hasbet fit-tul u qieset il-provi kollha, il-Qorti waslet ghal konkluzjoni li l-verzjoni tal-imputat hija l-iktar wahda kredibbli, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. L-imputat kien ipparkjat fuq il-genb tat-triq, fejn kien hemm filliera ta' karozzi ipparkjati u tieghu bejn zewg karozzi ohra. Ghalhekk biex hareg mill-parkegg u beda l-manuvra ta' U-Turn, ma setghax kien qed isuq b'velocita qawwija. Il-versjoni ta' Demicoli li l-imputat hariglu f'daqqa fil-karreggata tieghu mhix attendibbli, ghax dan ma hux kaz ta' xi vettura li minn go triq sekondarja baqghet hierga sparata go triq principali, imma kaz ta' vettura ipparkjata bejn zewg vetturi li riedet tohrog mill-parkegg u dan necessarjament setghet taghmlu biss b'velocita baxxa, u bdiet manuvra ta' U-turn.

2. Demicoli jghid li hu kien qed isuq f'nofs il-karreggjata u l-imputat hariglu f'daqqa mill-parkegg u bil-manuvra tal-U-turn ostakolalu l-karreggjata. Kieku dan kien minnu, allura l-vetturi kienu jahbtu fuq l-istess karreggata, ladarba l-mutur baqa' diehel fuq il-genb tal-lemin tal-vettura tal-imputat ghax l-imputat kien bil-fors ikun ghadu fil-manuvra li johrog mill-parkegg, u dan kif diga inghad ma setghax jaghmlu b'velocita qawwija tant li jibqa' jitkaxkar bil-mutur mar-rota sa' ma johrog terz tal-vettura tieghu u l-mutur fil-karreggjata l-ohra.

3. Mill-video esebit mill-imputat – li ma gie bl-ebda mod kontradett, jidhru l-brakemarks li halla l-mutur li jibdew u jispiccaw fuq il-karreggata li mill-Fgura taghti ghal Haz-Zabbar, u cioe *wrong side*. Il-*parte civile* qed tikkontesta dawn il-brakemarks stante li ma jidhrux fl-isketch li ghamel il-Pulizija PS 1067 u lanqas hemm prova oggettiva li huma tal-mutur tieghu. Fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li l-isketch tal-Pulizija ma jaqbilx f'diversi aspetti mal-video esebit. Fil-waqt li fl-isketch il-burdura ta' linji bojod huma indikati bhala kontinwi, mill-provi irrizulta li fil-fatt dan ma kienx il-kaz. In oltre, il-posizzjoni tal-vetturi kif spiccaw wara l-impatt ma taqbel xejn ma dik indikata fl-isketch. Fix-xhieda tieghu PS 1067 jghid li hu ma jistghax imeri l-video, u konsegwentement il-Qorti tqis li l-isketch minnu maghmul hu inattendibbli. Pero PS 1067 qal li ma jistghax jikkonferma li l-brakemarks huma tal-mutur. Il-Qorti rat il-video u minnu jirrizulta li l-brakemarks jieqfu fir-rota tal-mutur. Inoltre, il-brakemarks huma rqaq u kompatibbli mar-rota tal-mutur, u mhux mar-rota tal-vettura tal-imputat. Ghalhekk, gie sodisfacentement pruvat mill-imputat li l-brakemarks huma tal-mutur. Dan ifisser li l-mutur li kien fil-karreggjata direzzjoni lejn Rahal Gdid, qabez il-linja tat-traffiku billi mar fil-karreggjata l-ohra u kien qed isuq *wrong side*. Dan jaghti kredibbilita lill-verzjoni tal-imputat li dak il-hin li ddecieda li jaghmel il-manuvra tal-U-turn, it-traffiku kien wieqaf ghaliex it-traffic lights kienu homor, u biex ma joqghodx jistenna fil-linja tat-traffiku u jaqbzu, l-mutur hareg isuq *wrong side*.

4. Mill-video jirrizulta wkoll li l-vettura tal-imputat kienet spiccat ghall-inqas terz minnha fil-karreggata li taghti ghal Haz-Zabbar, u kellha biss r-roti ta' wara fil-karreggata li taghti ghal Rahal Gdid. Il-fatt li l-mutur spicca dahal taht il-vettura tal-imputat, u skond ix-xhieda mhux kontradetta tal-imputat faqghalu r-rota tal-lemin, ifisser li l-vettura tal-imputat ma mxietx aktar wara l-impatt, ghax ma setghetx timxi

b'tyre mifquh u mutur tahtu, minghajr maz-zewg vetturi ikollhom hsarat hafna iktar estensivi.

Allura tqum il-kwistjoni x'kienet il-kawza prossima tal-incident – il-fatt li l-imputat ghamel manuvra ta' U-Turn fi triq principali, jew il-fatt li Demicoli mar wrong side biex jaghmel manuvra ta' sorpass? Hu maghruf li l-U-turn hi manuvra li billi tinvolvi right-turn fil-wisgha tat-triq, tista tkun kawza ta' incidenti u ghalkemm tista' ssir bla perikoli f'toroq li ma tantx huma uzati, f'toroq battuti sew mit-traffiku (bhal fil-kaz in kwistjoni) jirrikjedi grad gholi ta' attenzjoni, ghax mhix manuvra li xufiera ohra normalment jistennew. Ma jistghux jigu dettati regoli fissi meta U-turn hi konsiljabbli jew le, imma kollox jiddependi mill-kumpless tac-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.

Fil-kaz odjern, il-Qorti hija sodisfatta li l-imputat irnexxielu jipprova, ghall-inqas sal-grad tal-probabbli, li hu beda jaghmel il-manuvra l-U-turn, wara li accerta ruhu, li peress li t-traffic lights kienu homor, it-traffiku fiz-zewg karreggati kien kollu wieqaf. Ghalhekk, bil-vizwali li kellu, hu seta' b'mod prudenti jaqsam is-sinjali li kien hemm f'nofs it-triq. Pero x'hin beda diehel fil-karreggata opposta, sab lill-mutur qed isuq *wrong side* gej ghal fuqu, ghaliex qed jissorpassa il-linja tat-traffiku fil-karreggata tieghu.

Min-naha l-ohra Demicoli kellu l-obbligu li joqghod ferm attent qabel jittenta l-manuvra ta' sorpass. Kellu jkun cert li seta' jibdiha, jkompliha u jtemm din il-manuvra, bla perikolu ghalih u ghal traffiku iehor.

Fl-opinjoni tal-Qorti, d-decizjoni tal-imputat li jaghmel il-manuvra ta' U-turn kienet wahda prudenti, fid-dawl tal-fatt li dak il-hin it-traffiku kien wieqaf, u qasam minn fuq is-sinjali tat-traffiku mpingija mal-art b'mod kawt. Il-kawza prossima tal-incident ma kienitx il-manuvra tal-imputat, imma kienet il-manuvra ta' Demicoli li ddecieda li jissorpassa t-traffiku billi jaqbez fuq in-naha hazina tat-triq – azzjoni li l-imputat ma setghax ragonevolment jippretendi li xi xufier kien se jaghmel.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-imputazzjoni kontra l-imputat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni dedotta kontrih, u qed tilliberah minnha.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**